VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,925, 22 ta' Diċembru, 2017
Taqsima B

A.L. 378 tal-2017

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2017 li jemendaw ir-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Avjazzjoni (Taxxa Personali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56(21) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2017 li jemendaw ir-Regoli dwar Impjieg Kwalifikanti fl-Avjazzjoni (Taxxa Personali) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Impjieg Kwalifikanti fl-Avjazzjoni (Taxxa Personali), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.168.

Jemenda r-regola 5 tar-regoli prinċipali.

2. Minnufih qabel il-*proviso* eżistenti tas-subregola (1) tar-regola 5 tar-regoli prinċipali, għandu jiżdied il-*proviso* ġdid li ġej:

"Iżda li jekk l-*income* minn kuntratt tal-impjieġ kwalifikabbli jeċċedi l-ammont ta' ħames miljun euro (€5,000,000), ma titħallas l-ebda taxxa oħra fuq l-*income* minn kuntratt tal-impjieġ kwalifikabbli li jeċċedi ħames miljun euro (€5,000,000):".